MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 438/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**versus**

**Mariano Pirrone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra Mario Pirrone ta' 24 sena bin Gilio u Anna Maria Busuttil mwieled fl-24 t'Awissu 1977 u residenti ġewwa Norfolk Flats Flat 16 Triq il-Kappella Lunzjata Salina, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 427677 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 ta' Mejju 2002 kif ukoll fis-sitt xhur ta' qabel ġewwa s-Salina u bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ***liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.***

Rat l-atti tal-proess inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Lulju 2002, il-fedina penali netta ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 4276 tas-sena 1977, l-istqarrija magħmula mill-imputat a fol 5 sa 8; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiza a fol 14 li x-xhieda mismugħa fil-kawza 'Il-Pulizija (Spettur Nezren Grixti) vs Roberto Pirrone' tidhol fl-atti ta' din il-kawza wkoll; id-dikjarazzjoni magħmula mill-uffiċjal prosekutur illi z-zewg imputati għandhom jibbenefikaw mill-Artikolu 29 b'żewġ gradi. L-imputat l-ieħor huwa Roberto Pirrone. Il-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera intitolat 'Fl-atti ta' l-inkjesta dwar sejba ta' droga cannabis gewwa Norfolk Flats Flat 16 Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salina nhar il-21 ta' Mejju 2002'; in-nomina ta' l-esperti magħmula hemm hekk; proces verbal iehor li fiha saret l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti; ir-relazzjoni magħmula minn PS 36 Sergio Azzopardi u PS 173 Brian Mangion a fol 47 et; ir-relazzjoni ta' l-ispizjar Mario Mifsud a fol 67 tal-process u l-verbal li fih il-Qorti halliet din il-kawza għas-sentenza (fol 95) kif ukoll il-verbal li fih l-avukat ta' l-imputat rrinunzja mid-difiza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidrat.

Skond ix-xhieda ta' l-ispettur Nezren Grixti fil-21 ta' Mejju 2002 il-pulizija kienet marret fil-post no 16 Norflok Flats Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salina fejn kienet sabet lil Roberto Pirrone li kellu 22 sena flimkien mal-mama tiegħu certu Anna Maria Busuttil. Fil-fatt saret tfittxija gor-residenza ta' l-imputati u nstabu fil-pussess ta' l-imputati diversi affarijiet, fosthom bejn wieħed u ieħor sapuna u nofs blokka raza tal-cannabis, ġew mwieżen elettronici, tliet pipi, notebooks, mizien ieħor manwali, xi siringi uzati, foil mahruq, sachets vojta kif wkoll haversack bil-kliem Dr

Martin's fuqu. Roberto Pirrone kien qal li dawn l-affarijiet huma tiegħu u ta' huh pero rigward is-siringi użati kien qal li huma tiegħu u qal ukoll li hu għandu l-vizzju tad-droga eroina. Kienet saret inkjesta fejn inhatru diversi esperti.

Mill-istqarrija ta' Mariano Pirrone jirriżulta li kien pejjep il-cannabis resin dak inhar stess illi sabuh il-pulizija. Huwa qal li kien uza biċċa minn sapuna illi kien tah persuna oħra biex iżommielu. Din il-persuna l-oħra kienet tagħtu basket li kien fih diversi affarijiet relatati ma' l-uzu u traffikar tad-droga u kif wkoll sapuna u nofs cannabis resin fejn hu u huh bdew jagħmlu uzu personali minnha.

L-imputat kkonferma li l-basket li kienu sabu l-pulizija bl-affarijiet relatati mad-droga kien dak li kien ħallielhom il-persuna l-oħra.

L-imputat qal li kien jaf li ġewwa l-basket l-iswed kien hemm sapuna u nofs cannabis resin għaliex dawn kienu parti minn ħamsa u nofs li qabel kellu din il-persuna waqt illi ġewwa pouch blu kien hemm 20 gramma eroina. Dawn kienu imqassmin f'pakketti ta' gramma u nofs 'l wahda. Huwa kien rahom granet qabel meta kien ikun qed jaqsamhom din il-persuna biex tkun tista' tbiegħhom.

Fil-fatt din il-persuna talbet lil Mariano Pirrone u lil huh Roberto Pirrone sabiex izommulu dan il-basket l-iswed u f'mument minnhom anke il-pouch il-blu iżda dan malajr ħadu lura.

L-ammont ta' grammi naqas għaliex kienet tiġi din il-persuna u jieħu minnha għall-użu personali tiegħu. Fil-fatt l-imputat kien ħeba il-basket ġo għalqa fejn id-dar ta' ommu fis-Salina u wara telefonata huwa kien lesta kollox biex ikun jista' jeħodhom dan it-terza persuna. Peress li naqset li tiġi din il-persuna, l-imputat Roberto u ħuh Mariano bdew jagħmlu użu minnha.

L-imputat kien user iżda kien ikun ma din it-tielet persuna fil-karozza ta' l-imputat għaliex l-imputat imbgħad kien jieħu xi ħaġa tad-droga wara illi din it-tielet persuna tinqeda mingħand żewġ Għarab oħra. Fil-fatt wiehed

minn dawn l-Għarab kien jitla' fil-karozza biex ikun jista jgħodd il-flus u wara jerga jwasslu lura l-imputat Mariano Pirrone stess. Dan l-istess Mariano Pirrone qal li nzerta persuni li kienu jmorru jixtru mingħand din it-tielet persuna. Huwa ta iktar dettalji dwar minn fejn it-tielet persuna kienet iggib l-eroina u n-negozju kien ilu sejjer għal xhur shah u hawn l-imputat ta dettalji oħra minn fejn kienet tingab l-eroina. Hu semma wkoll tliet mumenti ohra meta t-tielet persuna biegħhet cannabis lil min kien qed jissuplixxieh bl-eroina.

L-imputat kkonferma wkoll li l-miżien ta' kulur abjad kif wkoll mizien ta' kulur blu u ammont ta' figuri ta' flus u tliet pipi, mizien manwali, kienu kollha ta' din it-tielet persuna. Hawn ssemma persuna oħra bil-laqam tiegħu. L-imputat qal li s-somma ta' Lm117 ħdejn ismu kienet dak li kellu jagħti bħala flus lil din it-tielet persuna. Ismijiet oħra kienu ta' nies li kienu jixtru mingħand din it-tielet persuna. Talli kien jgħinu lil din it-tielet persuna, kienu jitnaqqsulhom xi flus mill-ħlas tagħhom.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti li ġew ppreżentati minn PS Sergio Azzopardi minħabba li PS 173 Brian Mangion kien laħaq miet.

Xehed PS 765 Samuel Attard li kkonferma li kienet saret tfittxija fil-presenza ta' Roberto Pirrone u ta' omm ġewwa Norfolk Flats Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salini u kkonferma l-affarijiet li nstabu li għandhom x'jaqsmu ma' l-abbuż tad-droga. Huwa kkonferma wkoll l-istqarrija li kien għamel Mariano Pirrone.

Il-Qorti semgħet wkoll lil Mario Mifsud maħtur matul l-inkjesta li bil-ġurament qal li kien hemm total ta' 323.016 grammi ta' THC fis-sustanza li ġie mgħoddi biex jeżamina skond il-ħatra magħmula lilu matul l-inkjesta. Hu qal li r-raża kienet biċċiet, biċċa waħda ta' 2.6 grammi, oħra ta' 5.2 grammi, oħra ta' 77.43 grammi u oħra ta' 247 grammi (fol 84).

Għad-difiża xehed Mariano Pirrone, l-imputat stess, illi kienet inqratlu biċċa mill-istqarrija li kien għamel għand il-

pulizija u biċċa fejn kien qal li l-cannabis resin kienet biċċa minn sapuna li kien tah ċertu Gary Buttigieg biex iżommielu (fol 7). Huwa kkonferma wkoll dik il-parti fejn qal li hu u ħuh bdew jagħmlu użu personali minnha.

Dak iz-zmien huwa kien juża d-droga wkoll u imbgħad beda jmur id-Detox. Dwar l-isem li deher fuq il-pitazz u li ħdejh kien hemm miktub LM117, dawn kienu flus li kellu jagħti lil terza persuna li huwa semma fl-istqarrija għaliex ma kienx jaħdem dak iż-żmien u allura kellu d-dejn. Kien hemm nies oħrajn li kellhom jagħtuh il-flus barra mill-imputat stess.

Fil-kontro eżami l-imputat qal li kien qed izomm il-basket għaliex it-terza persuna kienet ġabet pressjoni fuqu minħabba illi l-imputat ma kienx qed jagħtih il-flus u allura l-ieħor ried jiehu xi ħaġa mingħandu. Qallu biex iżommlu l-affarijiet u imbgħad it-terza persuna tigi u tieħu meta trid minnhom (fol 90).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti rat ir-riżultati forensiċi li ma jħallu ebda dubju dwar (a) l-ammont tad-droga misjuba (332.016 grammi); (b) li din kienet Cannabis.

Il-pussess tad-droga ma jfissirx li int tkun il-propjeta' tagħha iżda huwa biżżejjed li jkollok xi forma ta' kontroll fuqha. Għalhekk l-imputat kellu l-pussess tad-droga minkejja li din kienet ta' ħadd ieħor.

Mill-istqarrija u x-xhieda ta' l-imputat jirriżulta li huwa (u ħuh) kienu qed iżommu l-baskett bid-droga u bl-affarijiet relatati mad-droga biex jagħmlu pjaċir lil terza persuna li għal dan is-servizz kienet tnaqqas mid-dejn li kellhom miegħu talli kien jagħtihom id-droga.

M'hemmx dubju li l-imputat kien jaf li t-terza persuna kienet tbigħ id-droga għaliex xtara huwa stess diversi

drabi u kien jaf ukoll li t-terza persuna tispaċċja d-droga.(Ara fol.7 versis 16 et). Fl-istqarrija dan l-imputat jgħid hekk:

***‘Jien kont naf li ġewwa l-baskett l-siwed kien hemm sapuna u nafs cannabis resin. Dawn fil-fatt kienu parti minn ħasma u nofs sapuniet li t-terza persuan kellha qabel u ġewwa pouch blue kien hem 20 gramma heroin. Dawn l-istess pakketti kienu mqassmin f’pakketti ta’ gramma kull wieħed u nofsijiet. Dawn l-affarijiet jien filfatt kont rajthom qabel meta kien ikun qed jaqsamhom biex ikun jista’ jbiegħhom. It-terza persuna kienet talbet lill-imputat u lil ħuh biex iżommulu l-baskett l-iswed kif ukoll il-blue iżda l-pouch il-blue kien talabhulu xi tlitt ijiem wara. Iżda l-ammont ta’ grammi kien naqas għax kienet tiġi t-terza persuna u tieħu għall-użu tagħha. Rigward is-sapuna u nofs qatt ma kien ġie għalihomn iżda kien dejjem jgħid li kien ġej għalihom xi darba. Jien fil-fatt kont ħbejt il-baskett ġewwa għalqa ħdejn id-dar ta’ ommi fis-Salina. Waħda mill-aħħar telefonati li kien għamel reward li kien ġej għas-sapuna jien kont mort u tellajthom bil-lest biex tkun tista’ teħodhom it-terza persuna.’***

U aktar ‘l isfel:

***‘Lil din it-terza persuna jiena kont narah jaqsamhom f’pakketti u filfatt ġieli inzertajt persuni jiġu jixtru minn għand din it-terza persuna dawn il-pakketti li kien għamel huwa stess.’***

Minn dan kollu joħroġ ċar li l-imputat kien jaf sew bl-attivita’ tat-tielet persuna u xorta żammlu l-basktijiet.

Barra li kien konxju mill-attivita’ tat-terza persuna , l-ammont misjub fil-baskett kien wieħed konsiderevoli u ma jistax jintrabat ma’ użu personali biss.

Għalkemm m’hemmx prova li l-imputat kellu din id-droga biex ibiegħha hu, iżda hu kien jaf tajjeb li sid id-droga kien

qed jużaha għal skopijiet ta’ spaċċjar. Xejn ma jgħodd li l-imputat kien qed jagħmel pjaċir lil din it-terza persuna biex dan ta l-aħħar inaqqaslu mid-dejn. Dak kien il-mottiv. Biż-żamma tal-baskett l-imputat kien qed jagħmel l-attivita’ ta’ l-ispaċċjar tad-droga mit-terza persuna possibbli ġaladarba t-terza persuna kienet qed tuża l-kenn li offra hu sabiex tkompli bl-attivita’ tagħha.

Il-Qorti eżaminat jekk l-imputat sarx kompliċi ai fini ta’ l-artikolu 42(d) tal-Kap 9. Fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ‘Carmel u Helen konjuġi Galea versus Kummissarju tal-Pulizija’ (19 t’Awissu 2004) il-Qorti Kriminali preseduta mill-Prim Imħallef S.T.O. Vincent Degaetano kienet qalet hekk:

**‘Biex wieħed jitkellem f’kompliċita’ f’reat irid ikun hemm mhux biss prova tal-parteċipazzjoni materjali iżda tal-parteċipazzjoni morali ossia tad-determinazzjoni kriminuża komuni għall-parteċipanti kollha: fi kliem ieħor prova li l-moħħ ta’ kull wieħed mill-parteċipanti kien dirett għall-kummissjoni ta’ l-istess reat.’**

Il-Qorti ssib li din l-intenzjoni hija mankanti.

Din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjoni kif redatta iżda minflok qed issibu ħati ta’ pussess ta’ ammont serju tal-cannabis, liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni kif redatta.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 (ara fol.14) tal-Kap 101, mhux qed issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjoni miġjuba kontrih iżda minflok qed issibu ħati ta’ pussess serju tal-cannabis, liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għandu fedina penali nadifa iżda wkoll li ndaħal għal inkarigu li qatt ma jmissu ndaħal għalih. Għalhekk qed tikkundannah iħallas multa ta'  €1400 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum.  Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ ikun dovut f'daqqa.  Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jkunux imħallsa.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-inkjesta saret qabel is-sittax  ta' Jannar tas-sena 2006.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------